MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-17 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 955/1994/2

**Anthony Attard.**

**v.**

**Dione Aquilina u Charles Demicoli ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Marsa Flour Mills Limited, u b'digriet tat-30 ta' Ottubru 2001 il-Qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Jacqueline Refalo minn isem Dione Aquilina stante li dan miet fil-mori tal-kawza.**

**Il-Qorti:**

Dawn huma proceduri ta' ritrattazzjoni wara s-sentenza li kienet tat din il-Qorti, diversament ippresjeduta, fit-2 ta' Dicembru, 2005; l-attur Anthony Attard talab li din il-kawza tigi ritrattata a bazi ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 811(l) tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta;
Dan hu provvediment dwar il-punt trattat fl-udjenza tal-5 ta' Dicembru, 2006, u cioe`, jekk il-proceduri ghandhomx jitqiesu dezerti billi l-kawtela ma thallsitx;

Ir-rikors ta' ritrattazzjoni gie prezentat fit-28 ta' Frar, 2006, u r-risposta giet ipprezentata fit-28 ta' April, 2006. Fl-10 ta' Awissu, 2006, din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2006. F'dik is-seduta, saret astensjoni tal-Prim Imhallef u ta' l-Imhallef Albert J. Magri peress li kienu ddecidew il-kawza fl-appell li qed tigi issa ritrattata. Sa dik l-ewwel seduta, l-garanzija ghall-ispejjez tal-kawza ma kienetx ghada thallset, pero`, gie verbalizzat li r-rikorrent ritrattand Anthony Attard ma kienx gie notifikat bl-avviz tas-smigh. Il-kawza giet differita ghall-kontinwazzjoni quddiem din il-Qorti kif issa komposta ghas-seduta tal-5 ta' Dicembru 2006.

F'dik is-seduta, ir-rikorrent ritrattand laqa' n-notifika ta' l-avviz, u gie sollevat il-punt jekk il-kawza ghandhiex titqies dezerta fit-termini ta' l-Artikolu 209(1) tal-Kap. 12 tal-ligijiet ta' Malta, peress li l-garanzija rikjesta ma kienetx giet depozitata fil-Qorti "sa mill-anqas jum qabel ma jibda jinstama' dak l-appell" kif jesigi l-Artikolu 249 ta' l-istess Kap. 12.

Il-punt li jrid jigi deciz f'din is-sentenza, huwa jekk hux mehtieg, biex kawza tkun tista' tigi dikjarata dezerta minhabba nuqqas tal-kawtela, li l-appellant, jew ir-ritrattand skond il-kaz, ikun notifikat bl-ammont li ghandha tithallas bhala garanzija.

Trattat dan il-punt, il-Qorti tirrileva li fil-principju, il-ligi ma tesigix tali notifika, peress li r-regola enuncjata fl-Artikolu 209(1) hija li jekk meta tissejjah il-kawza, jinstab li ma tkunx saret il-garanzija ghall-ispejjez tal-kawza kif provdut

fl-Artikolu 249, il-Qorti "ghandha minnufih tghaddi biex tiddikjara l-appell dezert". Il-*proviso* ta' dan is-sub-artikolu jipprovdi, pero`, li l-Qorti tista' taghti zmien qasir li fih huwa jkun jista' jgib il-garanzija ghall-ispejjez jekk ir-registratur ma jkunx ghamel zewg affarijiet, cioe`, jekk (a) ma jkunx stabbilixxa s-somma li ghandha tithallas bhala garanzija, u jekk (b) ma jkunx innotifika lill-appellant jew ritrattand bl-ammont tal-garanzija mill-inqas ghaxart ijiem qabel is-smigh tal-kawza.

Dan ifisser li l-Qorti ma tistax taghti zmien ghal hlas tal-garanzija jekk jikkonkorru kumuluttivament iz-zewg kondizzjonijiet imsemmija fil-proviso, b'mod li l-Qorti tkun tista' taghti estensjoni taz-zmien ghal hlas tal-garanzija meta jirrizlulta li bhala fatt, ir-ritrattand ma jkunx gie notifikat bl-ammont tal-garanzija li ghandu jhallas, u dan mill-inqas ghaxart ijiem qabel is-smigh tal-kawza.

F'dan il-kaz jirrizulta li qabel il-jum ta' l-ewwel smigh tal-kawza, ir-ritrattand ma kienx gie notifikat b'dan, u, fic-cirkustanzi, tara li m'ghandhiex tiddikjara dawn il-proceduri dezerti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-punt kontrovers, billi tiddikjara li l-proceduri ta' din il-kawza m'ghandhomx jitqiesu dezerti billi l-kawtela ma thallsitx qabel l-ewwel jum stabbilit ghas-smigh.

L-ispejjez ta' dan il-provvediment huma rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------